

# Mitt Sena ta' Storja… Kamra tan-Nar San Ġużepp

**Ryan Vella**

Wieħed mill-karatteristiċi ewlenin li jsawru l-festa Maltija huwa bla dubju ta'xejn il-logħob tan-nar. Din l-arti tant saret parti integrali mill-festi tagħna li ssib bosta li jgħidu, kif ukoll jemmnu li festa mingħajr nar mhijiex festa. Il-logħob tan-nar daħal f'pajjiżna permezz tal-Kavallieri tal-ordni ta' San Ġwann. Bosta dokumenti antiki jsemmu l-'Gioci di Fuco' terminu li l-Maltin aktar 'il quddiem bidlu f'ġiġġifogu b'referenza għal-logħob tan-nar tal-art. Tip ta' nar ieħor popolari mal-Kavallieri użat fil-festini u l-festi kienu l-ħruq tal-musketterija, l-isparar tal-maskli u l-murtali tal-bomba. Dan il-logħob tan-nar intgħoġob sewwa mill-Maltin tant li beda dieħel ftit ftit fil-festi ċċelebrati fl-irħula u l-ibliet. Insibu bosta referenzi kif persuni kienu jinqalgħu apposta sabiex jikkargaw u jisparaw maskli tal-porvli minn fuq iz-zuntier tal-knejjes waqt il-purċissjonijiet.



*Aloisio Cutajar*

Fl-1907 l-Għaqda Mużikali San Gużepp assigurat ruħha minn post ċentrali fil-pjazza tar-raħal eżattament biswit il-knisja parrokkjali. Fis-snin segwenti, ħidmet l-għaqda kienet iffukata sabiex il-każin il-ġdid jkun fornut b'abbiljament u għamajjar neċessarji. Dan nafuh mir-rendikonti li kien jipprepara b'tant reqqa l-kaxxier ta' dak iż-żmien. Ix-xogħlijiet ta' tisbieħ damu madwar għaxar snin biex tlestew. Hekk kif id-dar tas-soċjetà Ġużeppina kienet lesta, kien imiss sensiela ta' proġetti oħra din id-darba ffukati sabiex il-festa ta' San Ġużepp tkompli tikber. Huwa propju hawn li l-Ġużeppini Għaxqin nedew il-ħidma tagħhom fil-piroteknika. Mitt sena ilu, fl-24 ta' Frar 1919, Aloisio Cutajar, Wiżu, kiteb nota qasira lill-Kumitat tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp li fiha talab permess biex ikun jista' jibda jaħdem il-logħob tan-nar għall-festa ta' San Ġużepp f'għalqa li kienet tinsab fit-tarf tar-raħal.

Il-bidu ma kienx faċli, iżda numru sabiħ ta' rġiel malajr urew interess u ssieħbu ma' Wiżu. Bħalma kien jiġri f'lokalitajiet simili, ħafna min-nar kien jinħadem ġewwa l-irziezet fil-kampanja. Fost dawn insibu tal-anqas tliet postijiet li fihom kien qed jinħadem in-nar: ir-razzett tal-Bob fl-inħawi tal-Garda, ir-razzett tal-Kajju fl-inħawi ta' Karaċ u f'għalqa oħra fil-limiti tal-Ħareb u li kienet tiġi maħduma minn Ċensu Pace s-Singes. Kien propju fuq din l-għalqa, propjetà tal-knisja, li ġiet żviluppata l-ewwel kamra tan-nar. Dan il-kumpless żgħir kien imdawwar b'ħajt għoli tas-sejjieħ. Fuq l-entratura kien hemm fanal u niċċa żgħira li fiha kienet tinżamm statwa ta' San Ġużepp. Fuq ġewwa wieħed seta' jsib żewġ kmamar żgħar biswit xulxin u meries li fuqu kien jinħadem il-porvli. Aktar tard kienet inbniet it-tielet karma.

Ma' tmiem it-Tieni Gwerra, il-ħajja reġgħet lura għan-normal u l-Ġużeppini reġgħu komplew bil-manifattura tal-logħob tan-nar. It-tfal ta' Wiżu, Karmnu Cutajar li kien ġuvni u ħuh Ġużeppi li kien miżżewweġ lil Grezz u li kellhom żewġt itfal, Ġiġi u Josephine, kienu dawk inkarigati mill-post tan-nar. Magħhom kien hemm ukoll Carmelo Caruana l-Grat. Jassistihom kien hemm numru sabiħ ta' rġiel u żgħażagħ fosthom Fiedel Busuttil (Il-Qaċċu), Ġużeppi Agius (Ħaxixu), George Bonnici (Is-Sufija) Angelo Demicoli (Ta' Sanfinsura), Ġużeppi Farrugia (Il-Barb), Wenzu Buttigieg (Iċ-Ċirimella), Ġużeppi



*Il-faċċata tal-post tan-nar l-antik*

Schembri (Scaramp) u Ġużeppi Agius (Iċ-Ċappi). Il-kwantità tax-xogħol manifatturat beda jiżdied sewwa u magħhom kibru wkoll l-ispejjeż. 'Il fuq sew minn mitt lira Maltin fis-sena kienu qegħdin jintefqu fuq in-nar, spiża li kienet tkopri wkoll il-kera ta' trakk għall-kanni kif ukoll lumanta għad-dilettanti għal waqt il-ħruq. Għal dawn l-ispejjeż is-soċi Ġużeppini kienu bdew jikkontribwixxu xelin fil-ġimgħa kull wieħed li bihom beda jinxtara l-proviżjon. Ma' dawn kienet issir ġabra għall-ispejjeż tan-nar f'Santa Marija kif ukoll il-qligħ li kien jifdal minn fuq il-privates kien imur ukoll għan-nar. Sal-bidu tas-snin ħamsin, isem il-kamra tan-nar tas-soċjetà kien jinsab fuq fomm id-delettanti kollha. Apparti numru mdaqqas ta' murtaletti u murtali tal-bomba, bdew isiru wkoll murtali tad-'9' bil-logħob, flimkien ma' kwantità ta' kaxxi infernali, musketterija u logħob tan-nar tal-art. Sfortunatament il-materjal miktub disponibbli għar-riċerka huwa wieħed żgħir ħafna għajr għal ftit kontijiet tal-kaxxier ta' dak iż-żmien, is-Sur Joseph Caruana (Il-Pulis) kif ukoll ftit ritratti li jinsabu fl-arkivji tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp.





*Uħud mid-dilettanti tan-nar tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp fis-snin ħamsin.*

Fis-sittinijiet bdew deħlin ir-restrizzjonijiet fuq il-logħob tan-nar u l-kumitat ta' dak iż-żmien beda jaħdem sabiex in-nar maħdum jibda jkun konformi ma' dawn il-liġijiet. Fl-1968 insibu dikjarazzjoni ffirmata minn George Bonnici u Ġużeppi Galea fejn fiha stqarrew li kienu ser iżommu ma' dawn il-liġijiet u għall-festa ta' dik is-sena mhux ser jaħarqu murtali tal-ġelatina. F'din is-sena nsibu wkoll referenza għall-ewwel inċident li seħħ f'din il-kamra tan-nar. Carmelo Gafà, tal-Kajju, waqt li kien qed itaqqab il-beraq, splodiet berqa u darbitu ħafif. Fortunatament dan l-inċident kien wieħed żgħir u ma kellux riperkussjonijiet koroh bħal dak li kellu jseħħ sena wara.



*Sett Murtali maħdum għall-festa tal-1968*

Is-sena 1970, kienet l-ewwel ċentinarju minn mindu Papa Piju IX kien ħatar lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali. Għal din l-okkażjoni l-Għaxqin ma qagħdux lura mill-preparamenti biex tiġi ċċelebrata festa kbira. Il-proċess li jirrikjedi l-logħob tan-nar kien wasal lejn tmiemu. Tajjeb infakkru li l-festa qabel kienet tiġi ċċelebrata fl-ewwel Ħadd ta' Mejju u mhux f'Ġunju kif tiġi ċċelebrata llum. Apparti mil-logħob tan-nar għall-festa ta' San Ġużepp, kien qed jinħadem nar ieħor għal festi oħra. Nhar il-15 ta' Frar 1970 waranofsinhar, ġewwa l-kamra tan-nar kienu jinsabu seba' persuni: George Bonnici, Louis Cutajar, Grezzju Abdilla, Carmelo Gafa, Nazzareno Mizzi, Joseph Mizzi u George Dimech. Għall-ħabta ta' 1:10p.m seħħ inċident li wassal għall-qerda tal-kamra tan-nar permezz ta' tliet splużjonijiet kbar. Ħamsa milli semmejna u li l-età tagħhom kienet tvarja bejn it-22 u l-54 sena mietu fuq il-post. Aktar ħanina kienet ix-xorti ma' George Dimech li ttella' qawwi u sħiħ minn qalb it-tifrik wara li għal aktar minn siegħa spiċċa mirdum taħt borġ ġebel. Joseph Mizzi, li dak il-ħin tal-inċident kien fejn il-bieb ta' barra tal-post tan-nar, ittajjar mill-blast tal-isplużjoni u spiċċa ġo siġra tal-ħarrub. It-tnejn li huma ġew rikoverati l-isptar fejn għamlu ftit jiem taħt osservazzjoni. Fl-inċident kienu weġġgħu wkoll erba' persuni oħra li ntlaqtu mill-ġebel li taru. Dawn kienu Ġanni Abdilla ta' 72 sena, Ġużeppi Pace ta' 18, Ġanni Busuttil ta' 63 u John Mary Abdilla ta' 30. Wieħed minn dawn il-feruti kien miet ftit ta' żmien wara kawża tal-istess inċident. Il-funeral ta' dawn il-vittmi seħħ f'ġurnata xitwija jumejn wara l-isplużjoni - it-Tlieta 17 ta' Frar fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq fil-5 pm. Il-15 ta' Frar tnissel diqa kbira f'qalb il-Ġużeppini Għaxqin għaliex hija l-agħar traġedja li qatt seħħet fi ħdan din is-soċjetà.




*Is-santa tal-mejtin tal-ħames vittmi li tilfu ħajjithom fil-kamra tan-nar*



*It-twiebet tal-vittmi fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq waqt il-funeral*

Għalkemm din l-isplużjoni kienet meqjusa bħala l-agħar diżgrazzja li qatt seħħet bil-logħob tan-nar sa dik il-ġurnata, il-Ġużeppini riedu jħarsu 'l quddiem u bil-mod il-mod jippruvaw jerġgħu jibnu dak kollu li kien inqered fi ftit sekondi. Għal daqshekk numru żgħir ta' persuni li kienu: Frans Caruana l-Ħuxi, Emmanuel Ellul il-Lagija, Anthony Abela Ħarbat u Emmanuel Vella d-Daqni bdew jaħdmu xi logħob tan-nar ġewwa l-kamra tan-nar ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ. It-triq għal Ħaż-Żebbuġ kienet twila u għalhekk wara ftit kompla jsir xi xogħol ġewwa l-kamra tan-nar tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Gudja. Ir-rota ma tantx damet ma reġgħet bdiet iddur u grazzi għall-ġenerożità ta' Carmelo Caruana li dak iż-żmien okkupa l-kariga ta' president flimkien mal-perseveranza tas-Segretarju Emmanuel Vella beda jinbena post tan-nar ġdid fl-inħawi tal-Wilġa, fuq art tal-istess Carmelo Caruana. F'anqas minn sentejn il-post tan-nar il-ġdid, li kien ferm akbar minn dak ta' qablu, kien lest, b'Caruana ikun l-ewwel licensee tal-post tan-nar il-ġdid. Id-determinazzjoni kbira li kellhom il-Ġużeppini Għaxqin kienet frott l-imħabba li kellhom lejn il-festa u x-xewqa li fil-1974 jiċċelebraw bil-kbir il-100 anniversarju mit-twaqqif tal-ewwel soċjetà Għaxqija.

Lejn l-aħħar tas-snin sebgħin il-permess tal-post tan-nar għadda minn fuq Carmelo Caruana għal fuq Ġużeppi Agius, Ħaxixu, li dak iż-żmien kien ukoll jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp. Flimkien ma' grupp ta' dilettanti oħra, il-logħob tan-nar għall-festa ta' San Ġużepp kompla jiżdied. Matul dan iż-żmien kien isir ħafna xogħol ta' kaxxi infernali b'mod partikulari f'Jum il-festa. Matul iż-żmien saru diversi investimenti sabiex dan il-post



*Nar maħdum għall-festa tal-1987*

tan-nar ikun aktar sikur filwaqt li l-produzzjoni u l-kwalità tal-logħob tan-nar tkompli tiżdied. Fl-1987 kien inxtara mutur li jdawwar il-porvli.

Fl-1990, ftit eżatt wara l-festa, seħħ inċident ieħor li ħalla ħerba ġewwa l-kamra tan-nar. B'xorti tajba ħadd ma kien weġġa' f'dan l-inċident iżda kien hemm bżonn ta' ħafna xogħol sabiex parti kbira mill-post tan-nar tittella' mill-ġdid. Hawnhekk, id-dilettanti ħadu l-opportunità sabiex il-kmamar jiġu mqassma b'mod aktar sigur. Kienet saret ġiebja kbira kif ukoll inbniet tinda 'l bogħod mill-imħażen. B'żewġ siti ta' kostruzzjonijiet għaddejin fl-istess ħin, il-bini mill-ġdid tal-kamra tan-nar u l-bini tal-każin, affettwa l-festa tal-1991 li kienet waħda kwieta meta pparagunata ma' snin oħra. It-temp kompla ġab fix-xejn il-ftit nar li laħaq ġie ppreparat. Fis-snin disgħin il-permess tal-post tan-nar għadda minn fuq Ġużeppi



*Nar maħdum għall-festa tal-1999*

Agius għal fuq Emmanuel Vassallo li kien ukoll jokkupa l-kariga ta' president tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp. Ġużeppi, li kien kiber sew fl-età u kien ta kontribut kbir fil-manifattura tal-logħob tan-nar kif ukoll fit-tmexxija tas-soċjetà xtaq jirtira. Għaldaqstant Ġużeppi Agius xorta reġa' ħa l-permess f'idejh wara Vassallo għal perjodu qasir.

Fis-sena 2000, fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-każin il-ġdid, il-membri tal-kamra tan-nar ħadmu qatigħ sabiex din il-festa tkun imżejna bl-aħjar mod b'dak li għandu x'jaqsam logħob tan-nar. Fuq perjodu ta' sebat ijiem sħaħ, id-dilettanti offrew spettakli sħaħ bi ħruq ta' nar kontinwu kuljum. F'Settembru tal-istess sena, delegazzjoni mill-Ġappun kienet fuq żjara f'Malta u dan sabiex tintgħażel kamra tan-nar biex tipproduċi nar tal-art għal dan il-pajjiż. Il-kamra tan-nar San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq kienet dik magħżula u bi kburija, fl-4 ta Frar 2001 ġew esportati l-ewwel set irdieden lejn il-Ġappun.



*Il-persuni involuti u l-irdieden preparati lesti biex jitilqu minn Malta lejn il-Ġappun*

F'din is-sena wkoll kienet inħadmet u żżanżnet katina ġdida tal-logħob tan-nar tal-art u li kienet twila 550 pied. Matul din is-sena l-permess tal-kamra tan-nar għadda minn fuq Ġużeppi Aguis għal fuq Frans Caruana, il-Ħuxi, iben Carmelo Caruana. Is-sena 2004 kienet sena ferm importanti għall-għaqda tan-nar San Ġużepp u dan għaliex fil-festa ta' dik is-sena kien inħaraq għall-ewwel darba fir-raħal tagħna nar sinkronizzat mal-mużika. L-isem li ngħatat il-ħarqa ta' lejlet il-festa kien ta' Flames of Fire, isem li nżamm u li lejh jiġbed eluf ta' nies lejn Ħal Għaxaq ta' kull sena. Fis-sena ta' wara, l-Għaqda Mużikali San Ġużepp kellha tkun l-ewwel festa f'Malta li taħraq nar sinkronizzat mal-mużika b'mod kompjuterizzat. Dan ma seħħx minħabba xi diżgwid li kien inqala' wara l-marċ tat-tieni tridu u l-festa twaqqfet ħesrem lejlietha. Din l-azzjoni kienet ġabet rabja kbira fost l-Għaxqin ġenwini kollha iżda b'mod akbar u aktar fost id-dilettanti tan-nar li kellhom xogħol kbir ippreparat. Ħafna min-nar li ma nħaraqx kien ġie mibjugħ u grazzi għal din id-deċiżjoni għaqlija, l-għaqda tan-nar kienet f'pożizzjoni finanzjarja tajba biżżejjed biex tinvesti f'xogħlijiet infrastrutturali u xiri ta' makkinarju sabiex tissaħħaħ is-saħħa u s-sigurtà. Matul l-2005 ġiet installata wkoll sistema tad-dawl ġewwa partijiet minn dan il-kumpless. Fl-2007 l-għaqda tan-nar kienet ikkompetiet fil-Malta Fireworks Festival fejn rebħet il-kategorija tal-aħjar sinkronizzar kif ukoll spiċċat runner-up fl-istess festival. Fil-festa ta' dik is-sena l-maltemp reġa' għamel ħerba hekk kif mal-ħruq tal-lampara f'lejlet il-festa nfetħu bibien is-sema.



*Uħud mill-ftuħ imxarrbin għasra kaġun tal-maltempata ta' lejlet il-festa tal-2007.*

Il-kuraġġ u d-determinazzjoni tal-Ġużeppini wassal sabiex parti mix-xogħol li kien lest fil-kanni biex jinħaraq ġie salvat u nħaraq ġimgħa wara hekk kif il-festa ġiet trasferita għas-Sibt ta' wara. Matul l-2007 ġie mwessa' l-isqaq tal-post tan-nar bl-għajnuna tal-kumitat ċentrali kif ukoll tal-Licensee u George Dimech li kkordinaw ix-xogħlijiet. Fis-sena 2009 kien imiss li jasal unur ieħor għall-għaqda tan-nar tagħna. Din id-darba l-kamra tan-nar San Ġużepp spiċċat fit-tieni post fil-festival nazzjonali tal-logħob tan-nar tal-art fuq il-fosos tal-Furjana. Fl-24 ta' Awwissu 2009, għall-ħabta tal-11:30 seħħet splużjoni żgħira f'waħda mill-kmamar ġewwa l-post tan-nar. Fil-ħin tal-inċident il-post tan-nar kien magħluq u ħadd mill-membri ma kien preżenti fil-ħin tal-isplużjoni.

Awwissu tas-sena 2010 jibqa' mnaqqax b'ittri tad-deheb f'qalb kull Ġużeppin Għaxqi b'mod speċjali dawk li huma dilettanti tal-logħob tan-nar. L-organizzaturi tal-festival internazzjanali tal-logħob tan-nar ġewwa l-belt ta' Bilbao fi Spanja, kienu għamlu kuntatt mal-għaqda tan-nar u ħeġġithom sabiex ikunu fost il-parteċipanti. Il-membri tal-għaqda tan-nar fasslu programm sabiex joffru sfida denja lill-kontestanti kollha. Apparti x-xogħol tan-nar kien meħtieġ ħafna xogħol ta' loġistika u permess biex in-nar jitħalla jiġi esportat barra l-pajjiż. Fis-16 ta' Awwissu, xogħol il-Ġużeppini telaq mill-port il-kbir fuq l-MV Genova fi triqtu lejn l-Italja. Ix-xogħol tniżżel fil-port ta' San Marco u minn hemm instaq tul il-kosta Taljana, qasam tul Franza sakemm fl-aħħar wasal fil-kamra tan-nar ta' Astandoa f'Areatza Spanja. Nhar il-21 ta' Awwissu grupp ta' 13-il dilettant tela' fi Spanja sabiex seta' jinbeda x-xogħol tal-preparamenti. Magħhom ingħaqdu numru kbir



*Xogħol ippreparat mill-għaqda tan-nar fil-belt ta' Bilbao fi Spanja*

Permezz ta' din l-esperjenza l-kamra tan-nar tagħna kibret mhux ftit u dan għaliex kienu stabiliti numru ta' kuntatti internazzjonali li għenu sabiex titjieb il-kwalità tal-prodotti u l-proċessi adottati. Ma' dawn bdiet tiġi impurtata dirett minn barra l-materja prima użata sabiex jiġi produċut il-logħob tan-nar. Nhar il-31 ta' Mejju 2014 l-Għaqda tan-nar giet rikonoxxuta mill-'Malta Records' wara li kien inħadem u nħaraq b'suċċess l-akbar ballun li qatt kien prodott f'Malta. Wara aktar minn tlettax-il sena li fihom mexxa l-post tan-nar b'abiltà kbira nbeda l-proċess sabiex il-permess tal-post tan-nar jgħaddi minn fuq Frans Caruna għal fuq Gordon Bugeja d-Demsy. Dan seħħ minħabba li saħħet Frans kienet sejra lura.

ta' dilettanti u partitarji Ġużeppini nhar is-26 ta' Awwissu. Fis-27 ta' Awwissu filgħaxija l-Għaqda tan-Nar tellgħat spettaklu uniku ta' 23 minuta ta' nar kontinwu quddiem folla ta' aktar minn kwart ta' miljun ruħ.

Ir-rebbieħ ta' dan il-konkors ġie mħabbar nhar id-29 ta' Awwissu fil-23:15pm u l-partitarji Ġużeppini ferħu bil-kbir ġot-toroq ta' Bilbao kif ukoll fit-toroq tar-raħal tagħna mal-wasla tal-bxara li l-kamra tan-nar tagħna kienet rebħet dan il-konkos prestiġġjuż. Festi kbar saru ġewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta mal-wasla tal-kontinġent Malti li komplew wara fil-pjazza tar-raħal b'mod spontanju. L-għaqda tan-nar ġiet mistiedna għall-udjenza mill-Prim Ministru ta' Malta Dr Lawrence Gonzi fejn dan faħħar u rringrazzja lill-Għaxqin tas-suċċess li kisbu u għall-isem tajjeb li għamlu għal pajjiżna. Nhar il-Ħadd 12 ta' Settembru ġie organizzat marċ brijuż u li fih l-ambaxxatriċi Spanjola għal Malta rrigalat it-trofew lir-rebbieħa. F'April ta' 2011 l-għaqda giet onorata b'Ġieħ Ħal Għaxaq mill-Kunsill Lokali tas-suċċessi miksuba waqt din l-avventura.



*Frans Caruana jħejji x-xogħol ta' inżulijiet tal-murtali*

Sal-lum il-ġurnata l-post tan-nar tagħna għadu jitmexxa minn Gordon Bugeja li jaħbat it-tmien Licensee fl-istorja tal-għaqda tan-nar tagħna. Tul perjodu ta' 100 sena ta' storja l-permess tal-post tan-nar tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp dejjem kien fuq persuna Għaxqija. Fil-preżent numru sabiħ ta' dilettanti għadhom jikkontribwixxu bil-kbir bi produzzjoni tal-logħob tan-nar ta' kwalità u fi kwantitijiet sbieħ għall-festa ta' San Ġużepp. B'taħlita ta' nies ta' esperjenza flimkien ma' oħrajn żgħażagħ, id-dilettanti tan-nar jassiguraw futur sabiħ għall-Għaqda Mużikali San Ġużepp.

F'isem il-Kumitat Ċentrali nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja mill-qalb lil dawk kollha li tul dawn il-100 sena kienu ta' fejda lejn l-għaqda tan-nar tagħna, inkluż dawk li ħadmu n-nar, il-familji tagħhom, dawk li jassistu fix-xogħol tal-brim, is-sidien tal-għelieqi u l-vetturi li jiġu mislufa lil din l-għaqda kif ukoll il-partitarji Ġużeppini tad-donazzjonijiet tagħhom u sostenn li tawna u għad iridu jagħtu matul is-snin.




**Ħajr**
**lil dawk kollha**
**li matul dawn il-100 sena**
**ħadmu**
**fil-Kamra tan-Nar tagħna.**





